KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Vince Bonello
Mario Calleja
Maria Mallia
Jean Carl Agius Ciscaldi
Carmen Borg
Antoine Vassallo

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Baldacchino

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **05.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 05.02.01 | Fuq Triq Ġużè Maria Camilleri fil-preżent baqa' xi xogħlijiet li għadhom ma sarux imma qed issir pressjoni biex jibda x-xogħol fi Triq Manuel Magri, però jonqos xi approvazzjonijiet mingħand Transport Malta, biex eventwalment jinstab kuntrattur biex jibda x-xogħol quddiem il-ħanut li hemm. Għal din se jinżamm l-istess kunċett tat-triq l-oħra. La darba din tkun tlestiet, parti oħra mill-proġett ikun tlesta. |
| 05.02.02 | Il-cameras fi Triq Alexander twaħħlu. F'din it-triq hemm issue relatata ma skart, hekk b'dawn hemm il-possibilità li l-abbuż jispiċċa. Filfatt inqabdu xi persuni, li ġew avviċinati. |
| 05.02.03 | Fuq Pjazza 7 ta' Ġunju, l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-LESA rigward il-cameras. |
| 05.02.04 | Il-problema ta' individwi jorqdu fi Ġnien Oreste Chircop għadha tippersisti. |
| 05.02.05 | Rigward il-ħidma flimkien mal-kulleġġ San Ġorġ Preca (liċeo), min naħa tagħhom ġabu stima oħra, b'aktar affarijiet iżda prezz aħjar. Rigward dan, kif kien tiġa approvat se jkun qed jintuża l-Planning Authority Fund. |
| 05.02.06 | Flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, se tkun qed issir attività nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru fil-pjazzetta ta' quddiem il-Kunsill stess. F'din l-attività se jkunu qed jistiednu xi nies min naħa tagħhom ukoll. Din l-attività se tkun qed issir fl-okkażjoni tas-sittin sena mit-twaqqif tagħhom u biex tiġi mfakkra Jane Spiteri li kienet president u kif ukoll Ħamruniża. Matul din se jkun hemm xi qari u anke mużika. Din l-attività se tibda għas-6.30pm u wara se jkun hemm riċeviment żgħir. |
| 05.02.07 | Mingħand Mata Rangers jidher li ma kien hemm l-ebda risposta. |
| 05.02.08 | Fuq il-pellegrinaġġ li kien hemm ta' San Gejtanu, kien hemm attendenza tajba ħafna u kien mument tassew sabiħ għal-lokalita' tagħna. |
| 05.02.09 | Rigward il-parkeġġ fl-iskejjel bħalissa qed nistennew min naħa tal-kuntrattur biex jagħmel is-sinjali fl-iskola tal-liċeo, filwaqt hekk kif dawn jitlestew tibda l-ħidma fuq l-oħrajn. |
| 05.02.10 | Is-Sindku u l-Viċi Sindku kellhom laqgħa mal-individwi li b'mod volontarju jagħmlu l-clean-ups. Kienet diskussjoni tajba però se jkunu qed isiru aktar laqgħat magħhom. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera. |
| 05.02.11 | Il-kunsillier Mario Calleja wassal ringrazzjament mingħand residenti ta' Triq Kanonku Bonnici. |

05.02.12 Il-Kunsilliera Carmen Borg waslet ir-ringrazzjament tagħha lill-kunsill tas-sapport li ingħatat għat-telfa li ġabret.

**05.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

05.03.01 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li waħda mill-istaff hija tqila, għalhekk ikun tajjeb li tiġi mpjegata persuna oħra, biex din tkun tista' ukoll tgħin fix-xogħol li hemm, għalhekk se tkun qed toħroġ sejħa. Il-kunsill approva b'mod unanimu.

05.03.02 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li s-Surġent Saviour Baldacchino irriżenja mill-għassa tal-Ħamrun.

05.03.03 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li hemm diversi tenders li jridu jerġgħu joħorġu, fosthom dawk tal-latrini pubbliċi. Saret diskussjoni libera dwar kif għandu jitqassam il-ħin u x'punti għandu jkun hemm fit-tender. Dawn jinkludu s-segwenti :
Ikunu miftuħin kuljum, tindif isir filgħodu u filgħaxija, ikun hemm CCTV camera, tender ikun validu għal tlett snin li jista' jiġi mġedded, filwaqt li jkun hemm estensjoni fis-siegħat f'każ ta' xi attivitajiet.

05.03.04 Fuq dan il-punt il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi issuġġerixxa li l-ħin ikun mis-6am sas-7pm fix-xitwa u mis-7am sat-8pm fis-sajf. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

05.03.05 Is-Sindku qal li l-persuna li tkun qed tassisti fil-latrina pubblika għandu jqassam il-ħinijiet tiegħu bejn iż-żewġ konvenjenzi pubbliċi, dik ta' Triq id-Duka ta' Edinburgh u l-oħra ta' Triq il-Ferrovija.

Il-kunsill approva li jinħareġ dan it-tender b'dawn il punti.

**Korrispondenza**

05.03.06 Is-Sinkdu nforma lill-kunsilliera li rċivejna ittra mingħand avukat fuq inċident li jmur lura fl-2022 fejn kienet waqgħet bozza fuq karozza li kienet ipparkjata. Din il-persuna trid tara ħabba ħlas tal-ħsara. Se jiġi mitkellem l-avukat.

05.03.07 Il-Kumitat relatat mal-ismijiet tat toroq fejn hemm bżonn jingħataw xi ismijiet ġodda. Ġie issuġerut li t-triq tan-naħa ta' Triq Żimelli tiġi msemmija għal Alfie Gullaimier u dik tan-naħa ta' Atocia għat-Teatini.

**05.04 Ħamrun Chocolate Festival**

05.04.01 Is-Sindku qal li l-ħidma fuq iċ-Chocolate Festival mixja sew, però hemm problema żgħira bl-istruttura li se tiġi esibita, għax qed tħabbat liċ-ċikkulatier.

Filwaqt li kien ingħad li se jkun hemm żewġ strutturi jidher li dan se jwassal li jkun hemm waħda biss.

05.04.02 Rigward divertiment, din is-sena se jkun hemm għal stil li jimxi ma' kulħadd, u apparti dan, kien hemm bżonn aktar attenzjoni ħabba fondi. Però b'dan kollu xorta se jkun hemm il-livell mixtieq u mistħoqq. Se jkun hemm ukoll, rappreżentazzjoni teatrali qasira fis-sala tal-kunsill.

05.04.03 Għall-festival ta' din is-sena iż-żona tat-tfal se tkun sa fejn Triq San Tumas.

05.04.04 Rigward il-kumpanija tal-ħalib, is-Sindku qal li din is-sena dawn iddeċidew li ma jagħtux is-sapport tagħhom lill-kunsill. Però ġejna nfurmati li dawn se jkunu qed jappoġġjaw għaqda mil-lokal, mingħajr ma' l-kunsill ġie notifikat. Is-sindku qal li hija ħaġa diżappuntanti li ġara hekk, meta fil-passat din il-kumpanija kienet partner uffiċjali. Se tkun qed isir laqgħa biex tkun iċċarata din is-sitwazzjoni.

05.04.05 Bħala affarijiet kollox se jkun bħas-snin ta' qabel. Is-Sindku jixtieq li kulħadd ikollu il-post tiegħu fejn joqgħod, filwaqt li f'każ li jinqala xi ħaġa jkun hemm kuntatt bejnietna.

05.04.06 Il-Kunsilliera Carmen Borg se tkun qed tagħmel żona fejn se jkun hemm ċikkulata maħlula u kif ukoll se jkun hemm kompetizzjoni fejn wieħed jaqta' kemm hemm ċikkulatini ġo kontenitur u min jaqta' jirbaħ kejk taċ-ċikkulata. Il-viċi Sindku offra li jieħu ħsieb dan il-kejk.

05.04.07 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li hemm ċans li jiġu xi rappreżentanti minn Carpineto Romano. Bħala spejjez se jkun l-ammont ta' €700 għall-akkomodazzjoni. Bħala ikel se jkunu qed jieklu għand l-għaqdiet. Kunsill approva b'mod unanimu.

05.04.07 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li saret laqgħa online ma' Serrone fejn qed naraw kif nistaw naħdmu aħjar flimkien, fejn anke hemm il-ħsieb li jiġu l-Ħamrun

## 05.05 Skemi

05.05.01 Is-Sindku qal li hemm skema bl-isem ta' Vjal Kulhadd, fejn hemm 10 miljuni relatati magħha. Il-Kunsill ġie avviċinat mill-grupp Rota, u ġew b'idea li jkun hemm bħal link bejn żewġ lokalitajiet, li tista' twassal biex persuna ma tużax il-karozza. Il-problema li jista' jkun hemm huwa li ċertu toroq huma dojoq.

05.05.02 Is-Sindku qal lill-kunsilliera li huwa qed jipproponi li napplikaw għal Triq il-Kunċizzjoni fejn hemm żona li tista' tiġi rranġata, tisbiħ u anke l-isqaqien tal-madwar. Huwa tkellem ma' Rota u se joħorġu proposta biex dawn jingħaqdu flimkien. Biex dan isir hemm involut ħafna paperwork, li jiswa l-flus, għalhekk jekk dawn jagħtuna proposta biss tiswa €400 u jekk ikun hemm disinn u BoQ jammonta għal €1200. Il-kunsill approva li jibda l-proċess b'dawn l-ispejjez.

05.05.03 Fuq l-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi, s-Sindku qal li hemm budget ta' €250,000, fejn huwa kien semma li titranġa Pjazza San Pawl, però jidher li dawn il-fondi mhux se jservu. Però huwa qal li qed jipproponi li tiġi rranġata n-naħħa ta' Atocia inkluż iz-zuntier tal knisja. Il-kunsill qabel li din il-proposta ssir bl-ispejjeż li ġġib magħha.

05.05.04 Huwa qal ukoll li x-xogħol biż-żona tar-Rabbat mixi sew fejn issa qed jingħata xeħta tassew sabiħa.

05.05.05 Il-Viċi sindku ġie avviċinat bi propsta biex inkun hemm aktar tħawwil ta' siġar. Dan il-persuna issuġġerixxabiex issiru aktar siġar fi Triq il-Kbira. Fuq dan is-Sindku qal li se jkun hemm siġar aktar 'il quddiem u anke f'toroq oħra.

**05.06 Milied u l-ewwel tas-sena**

05.06.01 Is-Sindku qal li se jkun qed isir l-armar bħas-snin ta' qabel u kien hemm ukoll laqgħa ma' tal-ħwienet u għaqdiet.

05.06.02 Waqt il-laqgħa mal-għaqdiet kien hemm proposta li bejn il-5 u t-8 ta' Diċembru jsir Christmas market fejn il-qliegħ imur b'risq l-Istrina f'isem il-lokal. Dan il-market isir fi Pjazza San Pawl.

05.06.03 Il-Kunsilliera Carmen Borg ipproponit li ssir attività multi kulturali, fejn f'dawn kien hemm varjetà ta' ikel differenti minn pajjiżi differenti.

05.06.04 Il-Viċi Sindku qal li huwa jixtieq li nikkunsidraw li jsir *food market*. Huwa qal li ssir diskussjoni ma' għalliema tal-lingwi biex jagħtu ideat dwar ikel differenti tal-pajjiżi. Fuq din saret diskussjoni libera dwar kif din tista' ssir.

05.06.05 Fuq din l-idea is-Sindku qal, li filwaqt din hija idea tajba, huwa tajjeb li din tkompli tikber u tibqa' tikber u tiżviluppa fin-naħa ta' fejn bdiet, in-naħa tal-kunċizzjoni.

05.06.06 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li saret laqgħa ma' tal-ħwienet, fejn dawn issuġġerew li ssir attività għall-familji nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru fi Triq il kbira San Ġużepp filgħodu. Huwa qal li bħala kunsill ilha l-idea li jkun hemm triq pedonali f'xi drabi matul is-sena u jidher li din tista' tkun opportunita tajba. L-idea hi li tkun festa għall-familja kollha b'logħob għat-tfal, attivitajiet mill-għaqdiet kollha. Saret diskussjoni libera fuq dan il-punt fejn filwaqt li l-kunsill qabel li ssir din l-attività, se jkunu qed jiġu avviċinati diversi individwi biex jipparteċipaw, fosthom entitajiet tal-gvern, tal-karozzi antiki, tar-roti, u kif ukoll tal-annimali u anke tal-presepji.

05.06.07 Id-diskussjoni tkompliet fuq il-possibilità ta' isem għal din l-attività

**05.07 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera**

05.07.01 Il-Kunsilliera Carmen Borg qalet li se jkun qed torganizza weekend break. Fil-mument qed tara il-possibilità ta' postijiet.

05.07.02 Il-Kunsillier Dr Antoine Vassallo staqsa kif baqa' l-kunsill rigward il-problema tal-ħamiem. Is-Sindku wieġeb li din il-problema issa eskalat fuq skala nazzjonali. Qiegħda ssir pressjoni biex din il-problema tissolva.

05.07.03 Il-Kunsilleri Jean Carl Agius Ciscaldi, qal li huwa mportanti li jkun hemm dwar kif għandu jitqassam ix-xogħol.

05.07.04 Il-Kunsillier Mario Callejja issuġġerixxa li jibdew isiru health checks, f'xi Sibtijiet. Huwa qal ukoll li kien hemm xi persuni li informawh li hemm ix naħat tal-Kunċizzjoni bla dawl. Huwa kompla jgħid li kien hemm xi residenti li faħħru ix-xogħol sabiħ li qed isir in-naħa tar-Rabbat

05.07.04 Il-viċi Sindku qal li jixtieq li s-sigurtà fil-lokalita tagħna tingħata aktar prijorità biex il-livell ikompli jogħla.

05.07.04 Fuq dan il-punt is-Sindku qal li se jkun hemm laqgħa mal-assistent kummissarju fuq dan.

05.07.05 Il-viċi Sindku qal li talab biex issir laqgħa mal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, rigward possibilità ta' kamera li taħdem bl-intelliġenza artifiċjali.

## 05.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament

05.07.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 10.2024 ġiet approvata mill-Kunsillier Carmen Borg u sekondata mill-Kunsilliera Vince Bonello

## 05.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Laqgħa li jmiss hija skedata il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2024, fil-5.30pm

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv